29 ta' Novembru, 1952.

**Imħallef:**

L-Onor. Dr. J. Caruana Colombo, B.Litt., LL.D.

Vice Admiral Geoffrey Alan Brooke Hawkins,
C.B., M.V.O., D.S.O., ne.

*versus*

Napoleone Grech

**Danni — Kuruna — Azzjoni "De in Rem Verso".**

*Meta l-Kuruna tħallas is-salarji ta' l-impjegat tagħha għaż-żmien li fih ma jkunx kapaċi għax-xogħol minħabba ħtija ta' ħaddieħor, u tikkura u tmantni fl-isptar lil dak l-impjegat f'dak iż-żmien, għandha azzjoni "de in rem verso" għar-rimborż ta' dawk l-ispejjeż u salarju kontra d-danneġġjant.*

*Anzi lanqas għandha bżonn tirrikorri għall-prinċipji li huma l-bażi ta' dik l-azzjoni; għax id-danneġġjat jista' jaġixxi kontra d-danneġġjant għall-konsegwenzi kollha preġudizzjevoli għall-patrimonju tad-danneġġjat. Basta li bejn id-danni u l-fatt kolpuż ikun ir-rapport ta' kawża u effett.*

Il-Qorti, — Rat l-att taċ-ċitazzjoni li bih l-attur, fil-kwalità tiegħu fuq imsemmija, wara li ppremetta illi fil-25 ta' Ottubru 1951, fil-waqt li l-konvenut kien qiegħed jaqla' u/jew ikejjel tieqa fil-bini msejjaħ "August Flats" f'D'Argens Junction, il-Gżira, huwa, bi traskuraġni, imperizja u negliġenza, waqqa' l-istess tieqa, u dina laqtet lil George Cecil Gilbody,

li kien fit-triq, u kkagunatlu offiżi ta' natura gravi, tant illi dan ġie rikoverat l-Isptar Navali Bighi, fejn dam sad-19 ta' Novembru 1951, inkluživi, u baqa' inkapaċi biex jattendi għax-xogħol tiegħu bħala "radio operator" fl-Admiralty Civilian Shore Wireless Service mis-26 ta' Ottubru 1951 sat-3 ta' Jannar 1952; u illi huwa, fil-kwalità fuq imsemmija, ġie sofra danni bħala konsegwenza ta' l-offiżi riportati mill-imsemmi George Cecil Gilbody kif intqal fuq, konsistenti dawn iddanni (a) fi spejjeż tal-kura u manutenzjoni fl-Isptar Navali ta' Bighi ta' l-istess George Cecil Gilbody mill-25 ta' Ottubru 1951 sad-19 ta' Novembru 1951, u spejjeż ta' ambulanza, ammontanti għal £15. 18. 6, liema spejjeż ġew erogati mill-Ammiraljat skond kif kien obligat, u (b) f'telf ta' serviġi ta' l-imsemmi George Cecil Gilbody bħala "radio operator" ma' l-Ammiraljat għaż-żmien mis-26 ta' Ottubru 1951 sat-3 ta' Jannar 1952, meta kien inkapaċi għax-xogħol, li ta' dak il-perijodu rċieva paga (inkluži l-"allowances") ammontanti għal £154. 8. 10 mill-Ammiraljat; talab illi, premessa kwalunkwe dikjarazzjoni neċessarja u mogħtijin il-provvedimenti opportuni, (1) jiġi dikjarat u deċiż minn dina l-Qorti illi l-konvenut huwa responsabili għall-offiżi riportati mill-imsemmi George Cecil Gilbody, u konsegwentement illi huwa responsabili tad-danni sofferti minnu fil-kwalità fuq imsemmija, bħala effett ta' dawk l-offiżi, kif indikati fuq; (2) konsegwentement il-konvenut, in forza ta' l-azzjoni diretta u ta' l-azzjoni "de in rem verso", jiġi kundannat iħallsu s-somma ta' £170. 7. 4, in kwantu għal £15. 18. 6 spejjeż tal-kura u manteniment ta' l-imsemmi George Cecil Gilbody fl-Isptar Navali ta' Bighi u spejjeż ta' ambulanza, u in kwantu għal £154. 8. 10. korrispondenti għas-salarju u "allowances" imħallsin mill-Ammiraljat lill-imsemmi George Cecil Gilbody għall-perijodu mis-26 ta' Ottubru 1951 sat-3 ta' Jannar 1952, meta huwa kien inkapaċi jattendi għax-xogħol tiegħu minħabba l-offiżi riportati kif intqal fuq. Bl-imgħax legali u bl-ispejjeż kontra l-konvenut, li ġie mħarrek għas-subizzjoni;

Ikkunsidrat, dwar l-eċċezzjoni preliminari sollevata mill-konvenut;

Illi l-kontestazzjoni tal-konvenut għall-ammissibilità ta' l-azzjoni diretta u ta' dik "de in rem verso" f'dan il-każ ma

hijiex sostenibil. Infatti, jekk tiġi pruvata r-responsabilità tal-konvenut għal dak li leġittimament ħallas l-attur nomine lil George Cecil Gilbody, bħala li dan kellu dritt għalih minn għand il-konvenut, hu responsabili, u għandu jħallsu l-istess konvenut lill-attur. U dan jinżel b'konsegwenza tal-prinċipji stabbiliti minn din il-Qorti fil-kawża fl-ismijiet "Trapnell ne. vs. Muscat", deċiża fis-26 ta' Ġunju 1946 (Kollez. Vol. XXXII—II—386); li japplikaw għall-każ in eżami, u fejn ġie deċiż, fost ħwejjeġ oħra, illi "il-Kuruna, li tħallas is-salarji ta' l-impjegati tagħha għaż-żmien li fih ma jkunux kapaċi għax-xogħol minħabba kolliżjoni. u li tikkura u tmantni fl-isptar lil dawk l-impjegati f'dak iż-żmien, għandha l-azzjoni "de in rem verso" għar-rimborż ta' dawn l-ispejjeż kontra d-danneġġjant. Anzi lanqas għandha bżonn tirrikorri għall-prinċipji li huma l-bażi ta' din l-azzjoni, għax id-danneġġjat jista' jaġixxi kontra d-danneġġjant għall-konsegwenzi kollha preġudizzjali għall-patrimonju ta' l-offiż, basta bejn id-danni u l-fatt kolpuż ikun hemm ir-rapport ta' kawża u effett";

Illi, konsegwentement, l-eċċezzjoni sollevata mill-konvenut tibqa' respinta, bl-ispejjeż kontra tiegħu;

U billi hemm lok illi jiġi nominat perit espert........... mingħajr preġudizzju tad-drittijiet tal-kontendenti, tinnomina għal dan il-fini lill-Avukat Dr. Lorenzo Cassar............. Spejjeż riżervati.